



Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9121/18

COHOM 64
CFSP/PESC 462
FIN 395

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Mejju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8889/18 COHOM 59 CFSP/PESC 430 FIN 381	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali - Saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet, iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali - Saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar" adottat mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Mejju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali - Saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar"

(Kunsill Affarijiet Barranin, 28 ta' Mejju 2018)

1. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-ispiritu pożittiv li fih tħejja r-Rapport Speċjali Nru 22/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali - Saru sforzi biex jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet iżda jeħtieġ li jkun hemm monitoraġġ aħjar", u l-kooperazzjoni eċċezzjonalment tajba bejn il-Qorti tal-Awdituri, is-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni.
2. Il-Kunsill jinnota l-konklużjonijiet pożittivi tar-Rapport Speċjali fir-rigward tal-isforzi magħmula mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE. Skont ir-rapport, il-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE tġiebet f'dawn l-aħħar snin, u kemm id-djalogu politiku kif ukoll l-assistenza elettorali ġew użati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.
3. Il-Kunsill jappoġġa b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lis-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jitjieb is-segwitu tal-MOE, inkluż: a) It-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet finali jenħtieġ li jsegwu approċċ aktar konsistenti; b) Il-partijiet ikkonċernati lokali jenħtieġ li jiġu kkonsultati dwar ir-rakkomandazzjonijiet qabel ma r-rapport ikun finalizzat; c) Id-diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jkunu skedati mill-anqas erbat ijiem tax-xogħol wara li jinħareġ ir-rapport finali, filwaqt li jitħalla biżżejjed żmien biex jiġu eżaminati r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet; d) Jenħtieġ li tiġi skjerata Missjoni ta' Segwitu Elettorali meta jkun possibbli, fi żmien xieraq bejn l-elezzjonijiet; e) Jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi ta' data ċentralizzata tar-rakkomandazzjonijiet; f) L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE jenħtieġ li jiġu ssorveljati fuq bażi regolari.

4. L-UE hija impenjata bis-sħiħ favur segwitu sistematiku u effettiv kemm tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE kif ukoll dawk tal-OSKE/ODIHR u wettqet firxa wiesgħa ta' azzjonijiet biex dawn jiġu promossi. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-SEAE u s-servizzi tal-Kummissjoni aċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti u li l-implimentazzjoni tagħhom għaddejja sew. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019) diġà jeħtieġ il-konsolidazzjoni tal-aħjar prattiki għall-ingranaġġ tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u tal-OSKE/ODIHR fi djalogi politiċi u attivitajiet tal-UE u tal-Istati Membri li jappoġġaw id-demokrazija. Jista' wkoll jiġi inkuraġġit aktar involviment ulterjuri fir-rakkomandazzjonijiet tal-MOE tal-UE mid-Delegazzjonijiet tal-PE. F'dan ir-rigward, qed tiġi żviluppata bażi ta' data ċentrali ta' rakkomandazzjonijiet; il-format taż-Żjarat ta' Ritorn tal-Osservaturi Prinċipali għe rieżaminat biex ikun hemm aktar diskussjonijiet fil-fond mal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rakkomandazzjonijiet u biex jingħata appoġġ lid-Delegazzjonijiet tal-UE fit-tnejn ta' pjanijiet ta' segwitu, u qed titħejja preżentazzjoni aktar konsistenti tar-rapporti tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali. Barra minn hekk, żdied l-għadd ta' Missjonijiet ta' Segwitu tal-Elezzjonijiet previsti għall-2018.
5. Il-Kunsill iqis li l-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE huma dimostrazzjoni viżibbli ta' impenn tal-UE li tappoġġa d-demokrazija u tippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-parteeipazzjoni tas-soċjetà ċivili madwar id-dinja. Ir-rwol tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali huwa li josservaw mill-qrib u jivvalutaw il-proċess elettoral - qabel, matul u wara jum l-elezzjoni - u biex jipprovdu lill-awtoritajiet tal-pajjiż (jekk ikun il-Gvern, il-Parlament, l-Awtoritajiet elettoral, il-Ġudikatura u korpi rilevanti oħra), is-soċjetà ċivili u l-partiti politiċi b'suġġerimenti konkreti biex jitjieb il-proċess fil-futur. L-oġġettivi aktar fit-tul tagħhom għandhom l-għan li jtejbju l-qafas elettoral u l-kuntest li fih isiru l-elezzjonijiet, it-tisħiħ tal-indipendenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-istat u t-tisħiħ tal-parteeipazzjoni taċ-ċittadini u l-appoġġ għall-pluraliżmu politiku. Għalhekk, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa minn Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE huma ċentrali għall-isforzi biex itejbu l-elezzjonijiet futuri u huma element kruċjali tal-isforzi tal-UE biex tappoġġa l-appfondiment tad-demokrazija.

6. Il-Kunsill ihegġegħ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jiżviluppaw proġetti konkreti li jappoġġaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u tal-OSKE. Il-Kunsill jissottolinja li kemm l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-fondi bilaterali jistgħu jintużaw mid-Delegazzjonijiet tal-UE għal dan, skont in-natura tar-rakkomandazzjonijiet.
7. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-responsabbiltà konġunta tal-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fil-kisba ta' koerenza u koordinazzjoni fis-segwitu għal Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali, inkluż permezz ta' analiżi u rappurtar regolari kollettiv kif ukoll l-integrazzjoni tas-segwitu fi djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi sħab. Il-Kunsill jinnota r-rwol importanti tad-Delegazzjonijiet tal-UE - li joperaw f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE, kif ukoll il-Parlament Ewropew - bħala l-interlokuturi ewlenin bejn l-UE u l-atturi lokali fir-rigward taż-żamma ta' djalogu politiku mal-awtoritajiet governattivi, u l-implimentazzjoni ta' assistenza elettorali u għad-demokrazija. Fl-istess ħin, ir-responsabbiltà ewlenija għal implimentazzjoni b'suċċess tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tinsab f'idejn il-partijiet ikkonċernati lokali; huwa indispensabbli li l-awtoritajiet tal-istat ikollhom rieda politika u li l-istituzzjonijiet indipendenti u s-soċjetà ċivili jkollhom kapacià suffiċjenti.
8. Il-Kunsill ihegġegħ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jikkooperaw mill-qrib biex jinkiseb impatt akbar fis-segwitu għall-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali, u biex tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-appoġġ tal-UE għall-elezzjonijiet u għad-demokrazija u r-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE.
